6 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Paul Demarco *versus* Francesco Fiteni

**Ċitazzjoni — Kawżali — Nullità — Dikjarazzjoni — Spoll — Pussess — Ġudikat — Art. 572(1) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Iċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba; u dan ir-rekwiżit huwa rikjest taħt piena ta' nullità. Imma ma jkunx hemm lok għal din in-nullità jekk il-kawżali, għalkemm ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, tkun spjegata fid-dikjarazzjoni; għaliex id-dikjarazzjoni hija kunsidrata bħala ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni.*

*Għaldaqstant, f'kawża ta' spoll, mhix nulla ċ-ċitazzjoni fuq il-motiv li l-fond fejn hu allegat li ġie kommess l-ispoll ma hux indikat fiċ-ċitazzjoni, jekk mid-deskrizzjoni tal-fond li hemm fid-dikjarazzjoni*

*l-konvenut ma setgħax bl-ebda mod jekwivoka l-fond in kontestazzjoni u jipprepara ruħu adegwatament għad-difiża.*

*L-azzjoni ta' spoll hija mill-liġi rikonoxxuta lil kwalunkwe persuna li jkollha l-pussess ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni, ta' ħaġa mobili jew immobili. Dan il-pussess jista' jkun anki illeġittimu u abużiv; basta illi, bħala fatt materjali, dak il-pussess ikun fil-persuna vittima tal-ispoll.*

*Għaldaqstant, jekk fond ikun ġie mogħti b'enfitewsi mill-konvenut lill-attur, u l-konvenut wara dan it-trasferiment jiġi kundannat juniforma ruħu mal-liġi billi l-fond hekk trasferit fiħ xi parti minnu kontra l-liġi, taħt penali għal kull jum ta' ritard, u l-konvenut, biex jobdi dik is-sentenza, jikkommetti spoll għad-dannu tal-attur, xejn ma tkun tiswa lill-konvenut l-allegazzjoni li huwa kkommetta l-ispoll, u għamel l-atti deplorati mill-attur, sabiex jeżegwixxi s-sentenza kriminali mogħtija kontra tiegħu; għax dik is-sentenza ma torbotx lill-attur, jekk dan ma kienx fil-kawża kriminali; u għalieħ kull ma sar f'dik il-kawża ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju. Għax anki f'materja penali, biex jirrikorri l-element tal-ġudikat, jeħtieġ li jirrikorri l-element tal-identità tal-persuna.*

*Lanqas jista' jingħad li l-attur kien rappreżentat fil-kawża kriminali mill-konvenut bħala aventi kawża tiegħu, u li kwindi l-ġudikat fil-kawża kriminali kien jolqot ukoll lill-attur bħal kieku dan kien parti f'dik il-kawża; għax is-sentenza tibqa' għalieħ "res inter alios judicata".*

*Lanqas ma tiswa lill-konvenut il-pretensjoni li huwa eżegwixxa dik is-sentenza biex jevita d-dekorriment tal-penali; għaliex kienet ħtija tiegħu jekk huwa ma ddimostrax fil-kawża kriminali li hu ma kienx għadu s-sid tal-fond u li dan kien ġie minnu trasferit lil ħadd ieħor, i.e. lill-attur; u konsegwentement il-konvenut għandu jsofri l-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvedimenti opportuni, billi l-konvenut f'dawn l-aħħar ġranet, vjolentement u okkultament, ikkommetta spoll kontra l-attur billi daħal fil-proprjetà tiegħu mis-saqaf tal-kċina, wara li ħatt

ix-xoroq u deffun relativ, u ħatt ħajt diviżorju tal-istess kamra tal-kċina li tisseparaha mill-bitħa tiegħu stess; talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat jirreintegra lill-attur fil-pussess tal-post tiegħu, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss mill-Qorti u taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat; u in difett, l-attur jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħolijiet neċessarji hu stess a spejjeż tal-konvenut u taħt id-direzzjoni tal-istess perit nominand. B'riżerva għaddanni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-14 ta' Mejju 1957, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta (1) illi d-domanda tal-attur mhix ċara, peress li fl-att taċ-ċitazzjoni ma jissemmiex il-post li hu qiegħed jirriferixxi għalieħ, (2) illi l-attur ma jistgħax jeżerċita l-azzjoni odjerna, peress li huwa proprijetarju tal-post, (3) u illi l-attur ma għandux il-pussess tal-post, ossija tal-kamra li huwa jallega li ġie molestat fiha;

Rat il-verbal tat-23 ta' Mejju 1957 (fol. 12), fejn il-konvenut irrinunzia għat-tieni eċċezzjoni, u kkjarifika t-tielet eċċezzjoni tiegħu fis-sens illi l-attur ma għandux pussess tal-kamra in kwistjoni rikonoxxut mill-liġi, billi din il-kamra tinsab in kontravvenzjoni għall-istess liġi, u l-konvenut ġie kundannat ineħħiha; jirrikonoxxi però illi l-pussess materjali tal-kamra jinsab fl-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni opposta mill-konvenut;

Illi skond l-art. 155(1) tal-Proċedura Ċivili, iċ-ċitazzjoni għandha jkun fiha ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba. L-iskop ta' din id-dispożizzjoni huwa li l-parti kuntrarja tkun infurmata minn qabel il-ġurnata tat-trattazzjoni bil-pretensjoni tal-attur u bl-estensjoni ta' dik il-pretensjoni. sabiex tkun tista' taċċetta dak li jidhrilha li huwa sewwa u

tipprepara ruħha għad-difiża f'dak li jidhrilha li mhux sewwa (Kollez. XXI-II-259; XXXIV-I-313). Liema rekwiżiti huma rikjesti taħt piena ta' nullità. Iżda, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Savona vs. Asphar", deċiża fit-23 ta' April 1945, bl-emendi li saru fil-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili bis-saħħa tal-Ordinanza XXI tal-1934 u XXVIII tal-1935, li ntroduċew l-obligu tad-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda, ma hemmx lok għan-nullità taċ-ċitazzjoni, jekk, bħala eżempju, il-kawżali ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, imma tkun spjegata fid-dikjarazzjoni; u dan għaliex id-dikjarazzjoni hija kunsidrata bħala ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni (Kollez. XXXII-I-228). Din l-interpretazzjoni waslet biex teskludi n-nullità taċ-ċitazzjoni ta' impunjazzjoni ta' rendikont meta l-partiti mpunjati, għalkemm ma jkunux ġew indikati waħda waħda fiċ-ċitazzjoni kif trid il-liġi (art. 392 Proċ. Ċiv.), ikunu ġew speċifikati fid-dikjarazzjoni (Kollez. XXXIV-I-313);

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jidher ċar illi l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli; difatti, għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-fond ma ġiex deskritt bl-indikazzjoni tat-trieq u tan-numru, fid-dikjarazzjoni, li ġiet lill-konvenut notifikata flimkien maċ-ċitazzjoni, l-attur spjega illi d-dar fejn sar l-ispoll hija dik li kien ħa b'ċens minn għand il-konvenut, li tinsab f'Burial Street, Pawla, u jisimha "Francis House". Minn din id-deskrizzjoni l-konvenut ma setgħax jekwivoka bl-ebda mod il-fond in kontestazzjoni, u seta' jipprepara ruħu adegwatament għad-difiża, kif effettivament għamel;

Illi, għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-konvenut ma tistgħax tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi l-kontestazzjoni prinċipali tirrigwarda l-element tal-pussess. Il-konvenut jirrikonoxxi illi l-pussess materjali tal-kamra li fuqha hemm l-ispoll jinsab għand l-attur; iżda jippretendi illi, peress li dik il-kamra hija kontra l-liġi, l-attur

ma għandux ukoll il-pussess leġittimu tagħha, u ma jistgħax għalhekk jinvoka l-protezzjoni tal-istess liġi;

Illi din il-pretensjoni, però, mhix sostenibbli, u hija kuntrarja għall-liġi, kif ukoll għad-dottrina u l-ġurisprudenza in materja. Difatti, l-azzjoni ta' spoll hija mill-art. 572(1) Kodiċi Ċivili rikonoxxuta lil kwalunkwe persuna li jkollha l-pussess, ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni ta' ħaġa mobili jew immobili; dan il-pussess jista' jkun anki il-leġittimu jew abużiv ("iniusta possessio"), basta illi, bħala fatt materjali, dak il-pussess ikun fil-persuna vittima tal-ispoll; u, kif ġa fuq ingħad, il-konvenut jammetti li l-attur jinsab fil-pussess materjali tal-kamra in kwistjoni;

Illi xejn ma jiswa li l-konvenut għamel l-atti deplorati mill-attur sabiex jagħti eżekuzzjoni lis-sentenza mogħtija kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja fis-6 ta' Frar 1957 (fol. 20 tal-proċess); għaliex dik issentenza ma torbotx lill-attur. Difatti, fil-kawża relativa kien imħarrek il-konvenut biss; u għalhekk kull ma sar fiha ma jippreġudikax lill-attur. Sabiex jirrikorri l-ġudikat, anki f'materja penali, hemm bżonn l-identità tal-persuna; u kif jinnota Francesco Carfora, "quando nella subbietta materia si parla di persona, il ricorso si deve intendere sempre riferito alla persona del giudicabile" (Digesto Italiano, Cosa Giudicata (Penale), §11). U fil-kliem tal-Professur Antonio Rocca, "la forza obbligatoria della 'res judicata' sta per e contro lo individuo imputato" (Trattato della Cosa Giudicata come causa di Estinzione dell'Azione Penale, §120);

Illi ma jistgħax jingħad li f'dik il-kawża l-attur kien rappreżentat mill-konvenut bħala aventi kawża minnu, u li kwindi dak il-ġudikat jolqot lill-istess attur bħal kieku kien parti fil-kawża. Apparti illi f'materja kriminali r-rappreżentanza ma tistgħax tiġi ndotta, u għandha tiġi pruvata aktar rigorożament minħabba l-konsegwenzi gravi li jista' jkollha, jirriżulta illi l-attur, bħala enfitewta tal-fond in kwistjoni, sa minn qabel l-introduzzjoni tal-imsemmija

kawża, kellu dritt reali "erga omnes" u titolu indipendenti rigward l-istess fond; u għalhekk huwa qatt ma seta' ġuridikament ikun rappreżentat mill-konvenut f'dik il-kawża, li għaliha għandu jiġi kunsidrat bħala terza persuna; u s-sentenza hija għalieħ "res inter alios judicata". Jgħid a propożitu Mattirolo:— "Coloro i quali, prima dell'istituzione del giudizio, acquistano un diritto reale, che si può valere 'adversus omnes', sulla cosa divenuta poi litigiosa, nè furono in esso regolarmente chiamati, non saranno colpiti dalla sentenza che nel detto giudizio verrà pronunziata; essi potranno respingere tale sentenza come 'res inter alios *judicata*' ". *U fost dawn, Mattirolo jannovera anki l-enfi*tewta (Diritto Giudiziario, Vol. V, §111);

Illi, bħala konsegwenza, it-terza persuna jkollha dejjem id-dritt li teżerċita l-azzjonijiet kollha lilha akkordati mill-liġi, kompriża l-azzjoni ta' spoll, mingħajr ma tkun preġudikata mis-sentenza mogħtija "inter alios". Difatti, kif osservat il-Kassazzjoni ta' Napli fil-kawża in re "Municipio di Frasso Telesino vs. Giliberti", deċiża fis-7 ta' Marzu *1874, "mancata l'autorità della cosa giudicata contro chi* non vi prese parte, l-esecuzione della stessa contro il terzo possessore, che doveva essere citato e non lo fu, quando aveva anche trascritto il suo titolo d'acquisto...... non cessa di essere un attentato per vie di fatto, che procedendo da autorità privata dà luogo all'azione possessoriale di turbativa" (Bettini, Giurisp. Ital. 1874, I, sez.1ma., paġ 373). F'dan is-sens ukoll ara Giurisp. Italiana 1882, II, paġ. 618;

Illi ta' xejn il-konvenut jippretendi li huwa eżegwixxa dik is-sentenza anki biex jevita id-dekorriment tal-penali; għaliex kien ħtija tal-konvenut li ma ddefendiex ruħu sewwa f'dik il-kawża, billi ma ddimostrax, u lanqas semma lill-Qorti, li huwa ma kienx iżjed sid il-kamra u li din kienet ġiet trasferita lill-attur; u konsegwentement għandu jsoffri waħdu l-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu;

Illi, fi kwanlukwe każ, il-konvenut ma jista' qatt jinvoka l-eżekuzzjoni tal-ġudikat; għaliex huwa, anki li kellu xi dritt, mexxa kontra l-liġi billi vvjola d-domiċilju tal-attur sabiex jirbaħ l-oppożizzjoni tal-istess attur, u minħabba din il-kontravvenzjoni l-konvenut ma jistgħax jinvoka favur tiegħu l-liġi li hu stess kiser. Jgħid Pacifici Mazzoni:— "Non costituisce spoglio l'esercizio che alcuno faccia dei propri diritti, eseguendo lavori in forza di sentenza passata in giudicato...... ma non è lecito, per vincere tale opposizione (i.e. del possessore), usare atti assolutamente interdetti come delittuosi" (Istituzioni, Vol. III, §52);

Illi għaldaqstant, eliminati l-obbjezzjonijiet tal-konvenut, l-element tal-pussess fl-attur jirriżulta soddisfaċentement;

Illi jirriżulta wkoll l-element tal-ispoll, għaliex ix-xogħol, kif jammetti l-konvenut fix-xhieda tiegħu, sar kontra l-volontà tal-attur (fol. 17);

Illi, dwar l-element taż-żmien, il-konvenut xehed li dak ix-xogħol għamlu fix-xahar li fih ta x-xhieda tiegħu (fol. 17 tergo), jiġifieri f'Mejju li għadda, u ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fis-16 tal-istess xahar;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni opposta mill-konvenut, billi din ġiet rinunzjata;

Tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut;

U konsegwentement tilqa' l-ewwel talba, billi tikkundanna lill-konvenut jagħmel ix-xogħol meħtieġ biex jirreintegra lill-attur fil-pussess tal-kamra in kwistjoni, taħt id-

direzzjoni tal-I.C.A. Alberto E. Vassallo, li qiegħed jiġi għal dan l-iskop inkarigat, fi żmien ħmistax il-ġurnata mil-lum;

U jekk jonqos, tilqa' t-tieni talba, billi tawtorizza lill-attur jagħmel dak ix-xogħol a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni tal-perit fuq nominat;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.